

Brussell, 10 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12025/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0322 (COD)

FSTR 52
FC 47
REGIO 69
SOC 531
AGRISTR 63
PECHE 334
CADREFIN 192
POLGEN 142
CODEC 1439

PROPOSTA

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 7 ta' Settembru 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2018) 614 final

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 1303/2013 fir-rigward tal-
aġġustament tal-prefinanzjament annwali għas-snin mill-2021 sal-2023

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 614 final.

Mehmuż: COM(2018) 614 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2018
COM(2018) 614 final

2018/0322 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 1303/2013 fir-rigward tal-aġġustament tal-
prefinanzjament annwali għas-snin mill-2021 sal-2023**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

L-evidenza turi li l-prefinanzjament annwali li jitħallas lill-Istati Membri għal sena kontabilistika partikolari u kklerjat permezz tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet jirriżulta f'għadd sinifikanti ta' ordnijiet ta' rkupru ta' kobor sinifikanti (pereżempju, fl-2017 ammonta għal EUR 6.6 biljuni). Fil-prattika dan ifisser li l-Istati Membri jintalbu krediti ta' pagament minn approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-Unjoni sabiex jingħataw prefinanzjament annwali li sa sena wara parti sinifikanti minnu jkollu jiġi rkuprat.

Għaldaqstant, sabiex tiżdied it-trasparenza u tissaħħaħ il-prevedibbiltà tal-ippjanar baġitarju kif ukoll l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-profil tal-pagamenti, qiegħed jiġi propost li l-prefinanzjament annwali jitnaqqas għall-minimu meħtieġ fir-rigward tal-aħħar tliet snin tal-perjodu ta' implimentazzjoni attwali ta' bejn l-2021 u l-2023, li huwa sovrappost mal-perjodu ta' implimentazzjoni li jmiss li jibda fl-2021. Dan l-approċċ jikkunsidra wkoll il-ħtiġijiet ta' pagamenti li joriġinaw minn arranġamenti ta' prefinanzjament proposti għall-programmi ta' bejn l-2021 u l-2027 fejn il-prefinanzjament inizzjali biss jitħallas f'sitt ħlasijiet parzjali¹. Din l-intenzjoni kienet diġà ntweriet mill-Kummissjoni².

• Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013³. Din l-emenda ma tintroduċi l-ebda bidla strutturali għal dawn id-dispożizzjonijiet.

• Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea. Hija konsistenti wkoll mar-rekwiżiti ta' ġestjoni baġitarja tajba.

¹ Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM(2018) 375 finali, 29.5.2018. L-Artikolu 84 jistipula l-arranġamenti tal-prefinanzjament. Ladarba għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 qiegħed jiġi propost tip wieħed biss ta' prefinanzjament it-terminoloġija użata ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-prefinanzjament "inizjali" u dak "annwali". Madanakollu l-arranġamenti tal-prefinanzjament proposti huma simili għal dawk tal-"prefinanzjament inizjali" msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

² Anness mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Baġit Modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi, COM(2018) 321 finali, 2.5.2018 kif ukoll it-Taqsima 5 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM(2018) 375 finali, 29.5.2018.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward it-tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 335, 15.12.2017, p. 1).

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiddefinixxi r-regoli komuni applikabbli għall-Fondi SIE. Abbażi tal-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet għall-proċess ta' programmazzjoni kif ukoll arranġamenti għall-ġestjoni tal-programmi (inkluża dik finanzjarja), il-monitoraġġ, il-kontroll finanzjarju u l-evalwazzjoni ta' proġetti.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tikkonċerna t-tnaqqis tal-prefinanzjament annwali pprovdut mill-Kummissjoni mill-baġit tal-Unjoni lill-Istati Membri. Ir-rati tal-prefinanzjament annwali fil-livell tal-Unjoni huma stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Għaldaqstant l-emendar tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-regolament tirrejkedi l-emendar ta' dan ir-Regolament. Il-mezzi nazzjonali u reġjonali mhumiex xierqa sabiex tiġi indirizzata din il-problema inkwistjoni. Għalhekk il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi tillimita ruħha għall-minimu rikjest biex jintlaħaq l-għan iddikjarat fil-livell tal-Unjoni u dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop. Ir-rata tal-prefinanzjament annwali qiegħda titnaqqas biex tikkorrispondi mar-rekwiżiti dwar il-fluss tal-flus b'kunsiderazzjoni mar-ritmu aktar mgħaġġel tal-fluss tal-flus abbażi ta' applikazzjonijiet għal ħlasijiet interim li jirriżultaw mill-implimentazzjoni aċċellerata tal-implimentazzjoni tal-Fondi SIE. Meta stabilixxiet ir-rata proposta l-Kummissjoni qieset li l-bażi tal-perċentwali għas-snin inkwistjoni diġà jinkludu r-riżerva tal-prestazzjoni, u għaldaqstant sehem anqas jista' jiggarrantixxi l-istess ammont ta' prefinanzjament.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: l-emendar tar-Regolament attwali. Il-Kummissjoni esplorat il-flessibbiltà pprovduta mill-qafas legali u tqis li huwa neċessarju li tipproponi emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma saret l-ebda valutazzjoni ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Ma sarux konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati esterni.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta mhijiex mistennija li jkollha impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti. Il-proposta ser twassal għat-tnaqqis tal-prefinanzjament annwali minn 3% tal-ammont tal-appoġġ mill-Fondi u mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS") għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu tal-programm operazzjonali għal 1% għas-snin 2021-2023, li huwa aktar xieraq għar-rekwiżiti tal-flussi tal-flus li joriġinaw mill-implimentazzjoni tal-programm. Il-livell anqas ta' prefinanzjament iqis is-sottomissjoni aċċellerata antiċipata ta' talbiet interim għall-pagamenti, il-fatt li għal dawn is-

snin il-bażi għall-ikkalkolar tal-ammont tal-prefinanzjament annwali jżied bid-daqs tar-riżerva ta' prestazzjoni, li żgur ser tkun ġiet allokata sa dakinhar, kif ukoll bil-prefinanzjament disponibbli għall-Istati Membri mill-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027.

Billi l-prefinanzjament annwali jingħata għal sena kontabilistika li tinfirex fuq sentejn baġitarji, l-ammont eċċessiv imħallas fis-sena N bħala prefinanzjament annwali jiġi kklerjat fis-sena N+1, li jirriżulta fi flussi ta' pagamenti mhux neċessarji mingħajr valur miżjud. It-tnaqqis tar-rata tal-prefinanzjament annwali għas-snin proposti ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-prevedibbiltà tal-ippjanar baġitarju, għal profil ta' pagamenti aktar stabbli u prevedibbli, għat-tnaqqis tar-riskju ta' pagamenti pendenti, għat-tisħiħ tat-trasparenza tal-ħtiġijiet għall-pagamenti u b'hekk għal ġestjoni baġitarja aħjar.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Din mhijiex inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta mhu se jkollha l-ebda impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenn, billi mhi qed tiġi proposta l-ebda bidla fl-ammonti massimi tal-finanzjament Fondi SIE previsti fil-programmi operazzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

L-impatt ġenerali fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament huwa newtralizzat. Kif inhu speċifikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja ma' din il-proposta, il-bidla proposta ser tikkontribwixxi għal tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament relatati mas-sena 2021 għalkollox b'riżultat tat-tnaqqis tal-ammonti ta' prefinanzjament annwali li ser jiġu kkumpensati minn ħtiġijiet ta' pagamenti ogħla għas-sena 2024. Għas-snin 2022 u 2023, il-prefinanzjament annwali aktar baxx ser jiġi kkumpensat fil-qafas tal-analiżi u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet u għaldaqstant ma jħalli l-ebda effett.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli. Is-sistemi ta' kunsinna eżistenti tal-Fondi SIE jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din il-proposta.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 134(2) ser jiġi modifikat sabiex il-livell ta' prefinanzjament għas-snin 2021 sa 2023 jiġi stabbilit għal rata ta' 1%, mir-rata applikabbli attwali ta' 3%, tal-ammont tal-appoġġ mill-Fondi u l-FEMS għall-perjodu kollu tal-programmazzjoni tal-programm operazzjonali. Il-livell ta' prefinanzjament għas-sena 2020 jinżamm għal rata ta' 3%, tal-ammont tal-appoġġ mill-Fondi u l-FEMS għall-perjodu kollu tal-programmazzjoni tal-programm operazzjonali.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 1303/2013 fir-rigward tal-aġġustament tal-prefinanzjament annwali għas-snin mill-2021 sal-2023

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
- (2) L-evidenza turi li r-rata tal-prefinanzjament annwali hija f'livell partikolarment għoli meta mqabbel mar-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja li joriġinaw mill-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali; b'mod partikolari dan kien il-każ għas-snin baġitarji mill-2021 sal-2023.
- (3) Sabiex titnaqqas il-pessjoni fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-Unjoni għas-snin baġitarji mill-2021 sal-2023 u biex tissaħħaħ il-prevedibbiltà tar-rekwiżiti ta' pagament u għaldaqstant jingħata kontribut għal ippjanar baġitarju aktar trasparenti u profil ta' pagamenti aktar ordnat, ir-rata tal-prefinanzjament annwali għal dawn is-snin jenħtieġ li titnaqqas.
- (4) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

⁴ ĠU C , , p .

⁵ ĠU C , , p .

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artiklu 134(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-ħames inċiż għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:
“— 2020: 3 %”;
- (b) Jiżdied l-inċiż li ġej:
“— mill-2021 sal-2023: 1 %.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM / ABB
- 1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-livell tal-prefinanzjament annwali għas-snin mill-2021 sal-2023

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM / ABB⁷

IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI, POLITIKA REĠJONALI U URBANA

AFFARIJET MARITTIMI U SAJD

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja⁸**

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / tal-inizjattiva*

Mhux Applikabbli

1.4.2. *L-objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Nru tal-objettiv speċifiku

Mhux Applikabbli

Attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Mhux Applikabbli

⁷ ABM: Activity-Based Management (ġestjoni bbażata fuq l-attività); ABB: activity-based budgeting (ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività).

⁸ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta / l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji / gruppi fil-mira.

Mhux Applikabbli

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

Mhux Applikabbli

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.5.1. *Ir-rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi(u) ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Mhux Applikabbli

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Mhux Applikabbli

1.5.3. *It-tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġoddi*

Mhux Applikabbli

1.5.4. *Il-kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Mhux Applikabbli

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

Proposta / Inizjattiva ta' **durata limitata**

- Il-proposta/inizjattiva tkun fis-seħħ mill-2021 sal-2024
- L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2024

Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i⁹

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu ddelegati:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi maħtura minnhom;
- lil organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;
- korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk tindika iżjed minn modalità waħda ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux Applikabbli

⁹ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.ccc/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Mhux Applikabbli

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

Mhux Applikabbli

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Mhux Applikabbli

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Mhux Applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Mhux Applikabbli

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹⁰	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA ¹¹	mill-pajjiżi kandidati ¹²	mingħand pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1B - Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali	04 02 60 - Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni anqas żviluppati	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	04 02 61 - Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	04 02 62 - Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	04 02 64 - Impjieġ taż-Żgħażaġħ Inizjattiva	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	13 03 60 - FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI — Reġjuni anqas żviluppati	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	13 03 61 - FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI — Reġjuni fi tranżizzjoni	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	13 03 62 - FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI — Reġjuni aktar żviluppati	Differenz jata	LE	LE	LE	LE
	13 03 63 - FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI — Allokazzjoni	Differenz jata	LE	LE	LE	LE

¹⁰ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹¹ l-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹² Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

	addizzjonali għal reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati					
	13 03 64 01 - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali — Kooperazzjoni territorjali Ewropea	Differenzjata	LE	LE	LE	LE
	13 04 60 - Fond ta' Koeżjoni	Differenzjata	LE	LE	LE	LE
2 - Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali	11 06 60 - Promozzjoni ta' sajd u akwakultura sostenibbli u kompetittivi Żvilupp territorjali bbilanċjat u inklużiv Ta' żoni ta' sajd u t-trawwim tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd	Differenzjata	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba: Mhux Applikabbli

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1B	Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali
--	----	--

DĠ EMPL			Sena2021	Sena2022	Sena2023	Sena2024	TOTALI
•Appoprjazzjonijiet operattivi							
04 02 60	Pagamenti	(1)	-1 013,958	0,000	0,000	1 013,958	0,000
04 02 61	Pagamenti	(2)	-249,832	0,000	0,000	249,832	0,000
04 02 62	Pagamenti	(3)	-504,477	0,000	0,000	504,477	0,000
04 02 64	Pagamenti	(4)	-88,224	0,000	0,000	88,224	0,000
Appoprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi ¹³			Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
Appoprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ EMPL	Pagamenti		-1 856,491	0,000	0,000	1 856,491	0,000

¹³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

DĠ REGIO			Sena2021	Sena2022	Sena2023	Sena2024	TOTALI
•Approprijazzjonijiet operattivi							
13 03 60	Pagamenti	(1)	-2 608,675	0,000	0,000	2 608,675	0,000
13 03 61	Pagamenti	(2)	-509,195	0,000	0,000	509,195	0,000
13 03 62	Pagamenti	(3)	-647,801	0,000	0,000	647,801	0,000
13 03 63	Pagamenti	(4)	-31,108	0,000	0,000	31,108	0,000
13 03 64 01	Pagamenti	(5)	-186,707	0,000	0,000	186,707	0,000
13 04 60	Pagamenti	(6)	-1 265,652	0,000	0,000	1 265,652	0,000
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi ¹⁴			Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
Approprijazzjonijiet TOTALI għad-DĠ REGIO	Pagamenti		-5 249,139	0,000	0,000	5 249,139	0,000

•TOTAL ta' approprijazzjonijiet	Pagamenti		-7 105,630	0,000	0,000	7 105,630	0,000
--	-----------	--	------------	-------	-------	-----------	-------

¹⁴ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

operazzjonali							
TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi			Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt I-INTESTATURA 1B tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti		-7 105,630	0,000	0,000	7 105,630	0,000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	2	Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali
--	----------	--

DĠ MARE			Sena2021	Sena2022	Sena2023	Sena2024	TOTALI
•Approprjazzjonijiet operattivi							
11 06 60	Pagamenti	(1)	-114,987	0,000	0,000	114,987	0,000
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi ¹⁵			Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ MARE	Pagamenti		-114,987	0,000	0,000	114,987	0,000

¹⁵ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

•TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Pagamenti		-7 220,617	0,000	0,000	7 220,617	0,000
•TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi			Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Pagamenti		-7 220,617	0,000	0,000	7 220,617	0,000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		SenaN	SenaN +1	SenaN +2	SenaN +3	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTALI
DĠ: <.....>									
•Riżorsi umani									
•Nefqa amministrattiva oħra									
TOTALI DĠ <....>	Approprjazzjonijiet								

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)								

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		SenaN ¹⁶	SenaN +1	SenaN +2	SenaN +3	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTALI
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Pagamenti								

¹⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*

- Il-proposta / L-inizjattiva ma tenhtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta / l-inizjattiva tenhtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati ↓			SenaN		SenaN+1		SenaN+2		SenaN+3		Daħħal snin daqskemm ikun mehtiegħ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTALI	
	OUTPUT																	
	Tip ¹⁷	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru Totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁸ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Sottototal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Sottototal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

¹⁷ L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁸ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Senan ¹⁹	Senan+1	Senan+2	Senan+3	Daħħal snin daqs kemm ikun meħtiegħ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTALI
--	---------------------	---------	---------	---------	--	--------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
Sottotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

'il barra mill-INTESTATURA 5²⁰ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħrata' natura amministrattiva							
Sottotal'il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTALI							
---------------	--	--	--	--	--	--	--

L-approprijazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b'approprijazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikunu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

¹⁹ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

²⁰ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full-time

	Sen a n	Sen a n+1	Sena N+2	Sen a N+ 3	Daħħal snin daqske mm ikun meħtie ġ sabiex turi d- durata tal- impatt (ara l- punt 1. 6)
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)					
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)					
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01 (Riċerka diretta)					
•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)²¹					
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")					
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 ss ²²	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTALI					

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikun ġie ridistribwit fid-DĠ, u jekk ikun hemm bżonn, flimkien ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

²¹ AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

²² Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta / l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta / l-inizjattiva se tinvolvi pprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi jiġu speċifikati l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta / l-inizjattiva tenħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li huwa meħtieġ, filwaqt li jiġu speċifikati l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament mingħand partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	SenaN	SenaN+ 1	SenaN+ 2	SenaN+ 3	Daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

Miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/l-inizjattiva ²³					Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l- punt 1.6)		
		Senan	Senan +1	Senan +2	Senan+3				
Artikolu									

Għad-dħul mixxellanju “assenjat”, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

²³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % tal-kosti tal-ġbir.